

Brussell, 12 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15754/22

Fajls Interistituzzjonali:
2021/0425(COD)
2021/0424(COD)

ENER 668
ENV 1266
CLIMA 652
IND 541
RECH 650
COMPET 1008
ECOFIN 1293
CODEC 1950

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	15111/1/21 REV 1 + ADD 1 REV 1 15096/1/21 REV 1 + ADD 2 REV 1
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu (riformulazzjoni) - Rapport ta' progress

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness rapport ta' progress dwar il-proposti msemija fis-suġġett ta' hawn fuq, li għandu jiġi ppreżentat fil-Kunsill TTE (Enerġija) fid-19 ta' Diċembru 2022, bil-ksieb li l-Kunsill jiġi mistieden jieħu nota tiegħu.

Dan ir-rapport tfassal taħt ir-responsabbiltà tal-Presidenza u huwa mingħajr preġudizzju għal punti ta' interess jew kontributi ulterjuri partikolari ta' delegazzjonijiet individwali. Huwa jippreżenta l-ħidma li saret sa issa fil-korpi preparatorji tal-Kunsill u jiddeskrivi s-sitwazzjoni attwali fl-eżami tal-proposti msemija hawn fuq.

ANNESS

Informazzjoni mill-Presidenza dwar il-progress miksub fl-eżami tal-proposti għal Direttiva u Regolament dwar is-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu

I. INTRODUZZJONI

- 1) Fil-15 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposti għal Direttiva dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu u għal Regolament dwar is-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu bħala qafas ġdid tal-UE għad-dekarbonizzazzjoni tas-swieq tal-gass, il-promozzjoni tal-idroġenu u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan.
- 2) Il-Pakkett dwar id-Dekarbonizzazzjoni tas-swieq tal-Idroġenu u tal-Gass għandu l-għan li jippermetti d-dekarbonizzazzjoni tal-konsum tal-gass naturali, filwaqt li joħloq qafas regolatorju għall-infrastruttura u s-swieq dedikati tal-idroġenu u pjanar integrat tan-network. Jistabbilixxi wkoll regoli għall-konsumaturi u jsahha is-sigurtà tal-provvista.
- 3) Fid-19 ta' Mejju 2022, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Ottubru 2022.
- 4) Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) qed imexxi ż-żewġ fajls. Ir-rapporteur maħtur għar-Regolament huwa l-MEP Jerzy Buzek (PPE, Polonja) u r-rapporteur għad-Direttiva huwa l-MEP Jens Geier (S &D, Ġermanja).

II. SITWAZZJONI ATTWALI

- 1) F'Lulju 2022, il-Presidenza Ċeka bdiet diskussjonijiet dwar il-proposti fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija. Abbażi tal-ewwel eżiti ta' dawn id-diskussjonijiet, fid-9 ta' Settembru 2022 il-Presidenza ppreżentat l-ewwel reviżjoni kemm tar-Regolament kif ukoll tad-Direttiva. Saru aktar diskussjonijiet tekniċi dwar l-ewwel reviżjoni fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija.

Il-proposti ġew diskussi wkoll fil-Kunsill TTE (Enerġija) fil-25 ta' Ottubru 2022 fil-Lussemburgu bil-fokus ewlieni fuq elementi kruċjali u sensittivi, b'mod partikolari:

- I. il-perjodu ta' żmien tal-iżvilupp tas-swieq tal-idroġenu u s-separazzjoni vertikali tal-Operaturi tan-Networks tal-Idroġenu;
 - II. it-tariffi transfruntiera f'networks dedikati tal-idroġenu u skontijiet fit-tariffi għal gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju fis-sistema tal-gass naturali; u,
 - III. it-taħlit tal-idroġenu fil-grilja tal-gass naturali.
- 2) Il-ministri pprovdew gwida politika lill-Presidenza u stabbilew direzzjoni għal aktar ħidma. Sussegwentement, il-Presidenza pproponiet it-tieni reviżjoni tar-Regolament u tad-Direttiva fit-23 ta' Novembru 2022, li ġiet diskussa fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija u fis-7 ta' Diċembru 2022 fil-Coreper. B'mod ġenerali, l-Istati Membri appoġġaw il-mod li bih id-dibattitu ta' orjentazzjoni tat-TTE kien rifless fit-tieni reviżjoni tal-proposti u qajmu xi tħassib ieħor li għandu jiġi rifless matul aktar ħidma dwar il-leġiżlazzjoni. It-tielet reviżjoni, li tinsab fid-dokumenti: 15919/22 u 15920/22, intbagħtet lid-delegazzjonijiet fit-12 ta' Diċembru 2022. Fit-tielet reviżjoni, il-Presidenza indirizzat l-eżitu tal-aħħar dibattiti kif ukoll għadd ta' bidliet tekniċi li jirriflettu l-kummenti li saru bil-miktub mill-Istati Membri u l-Corrigendum tal-Kummissjoni (15111/1/21 REV 1 + ADD 1 REV 1 15096/1/21 REV 1 + ADD 2 REV 1) kif maħruġa fit-23 ta' Novembru 2022. Id-delegazzjonijiet kollha għandhom riżerva ta' skrutinju u/jew parlamentari dwar it-test u għadhom qed janalizzaw id-dispożizzjonijiet taż-żewġ fajls.

III. KWISTJONIJIET EWLENIN

1) L-elementi politiċi ewlenin indirizzati bħala segwitu għall-Kunsill Energġja tal-25 ta' Ottubru 2022

a) Separazzjoni vertikali tal-operaturi tan-networks tal-idroġenu

Il-proposti inizjali tal-Kummissjoni għas-separazzjoni vertikali tal-operaturi tan-networks tal-idroġenu fl-Artikolu 62 tad-Direttiva kienu jinkludu l-iskadenza tal-mudell ta' separazzjoni tal-Operatur Indipendenti tat-Trażmissjoni ("ITO") sa tmiem l-2030 u d-disponibbiltà tal-mudelli tal-operatur indipendenti tas-sistema ("ISO") u tal-ITO biss għan-networks tal-idroġenu li kienu jappartjenu għal impriżi integrati vertikalment mad-dħul fis-seħħ tal-Pakkett dwar il-Gass. Ir-REV 3 ma għadx fih data ta' skadenza għall-mudell ta' separazzjoni tal-ITO u l-possibbiltà espliċita għall-Kummissjoni li tirrieżamina l-fattibbiltà tal-mudell ta' separazzjoni tal-ITO sal-2031, filwaqt li l-limitazzjoni ta' żmien għall-mudell ta' separazzjoni tal-ISO tneħħiet. Il-mudell tas-separazzjoni tas-sjieda nżamm bħala l-mudell ta' separazzjoni prestabbilit. L-Operaturi tan-Networks tal-Idroġenu jistgħu jibbenefikaw ukoll minn derogi għan-networks tal-idroġenu eżistenti u għan-networks konfinati ġeografikament (Artikoli 47 u 48 tad-Direttiva), li l-applikazzjoni tagħhom ġiet issimplifikata u ffaċilitata fir-REV 3.

b) Disinn tas-suq tal-idroġenu u t-tmiem tal-fażi ta' tranżizzjoni

Il-proposti tal-Kummissjoni inkludew fażi ta' żieda biex is-swieq tal-idroġenu jiżviluppaw sal-2030, li warajha japplikaw regoli aktar dettaljati. Sabiex jiġu riflessi l-inċertezzi tal-iżvilupp tas-suq emerġenti tal-idroġenu, din id-data ġiet posposta b'mod ġenerali għall-[2035]. Dan ifisser li, fost dispożizzjonijiet oħra, l-implimentazzjoni tal-aċċess regolat ta' partijiet terzi għan-networks tal-idroġenu (Artikolu 31 tad-Direttiva), kif ukoll id-disinn il-ġdid tas-suq tal-idroġenu mingħajr tariffi għal aċċess fil-punti ta' interkonnnessjoni bejn l-Istati Membri (Artikolu 6 tar-Regolament) ser isiru effettivi biss fi tmiem il-fażi ta' tranżizzjoni, mill-1 ta' Jannar 2036.

c) Skontijiet fit-tariffi għall-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju fis-sistema tal-gass naturali

Fl-Artikolu 16 tar-Regolament, ġiet introdotta distinzjoni bejn skontijiet fit-tariffi għal gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju fis-sistema naturali b'tariffi fejn il-gassijiet rinnovabbli jirċievu skontijiet tariffarji ta' [100 %] u l-gassijiet b'livell baxx ta' karbonju jirċievu skont ta' [75 %]. Ġiet introdotta b'mod espliċitu l-possibbiltà għall-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li jiddeċiedu li jnaqqsu jew li ma japplikawx skontijiet għal injezzjoni minn faċilitajiet ta' produzzjoni u ħżin, u dan jirrifletti t-tħassib ta' dawk l-Istati Membri li għandhom, jew li jistennu li jkollhom, sehem għoli ta' gassijiet rinnovabbli/b'livell baxx ta' karbonju fit-taħlita tal-enerġija jew li jista' jkollhom tħassib dwar l-impatt potenzjali fuq il-flussi transfruntiera. L-iskontijiet fuq it-tariffi fil-punti ta' dħul u ħruġ lejn u minn pajjiżi terzi tneħħew mill-proposta.

d) Taħlit tal-kwalità tal-idroġenu u tal-gass

Il-livell massimu ta' idroġenu mħallat fin-network tal-gass naturali li l-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-gass huma obbligati jaċċettaw fil-punti ta' interkonnessjoni, wara l-proċedura għas-soluzzjoni ta' tilwim stipulata fl-Artikolu 19 tar-Regolament fejn rilevanti, inbidel minn 5 % għal [2]%. It-tnaqqis jirrifletti x-xettiċiżmu ta' diversi Stati Membri lejn it-taħlit, filwaqt li xorta jiżgura flussi transfruntiera tal-gass mingħajr xkiel. Ir-Regolament iżomm approċċ armonizzat dwar il-ġestjoni tal-kwalità tal-gass u s-soluzzjoni ta' tilwim, li ntlaga' tajjeb minn ħafna Stati Membri.

e) Gassijiet b'livell baxx ta' karbonju

Ġie introdott Artikolu 8a ġdid fid-Direttiva wara talbiet minn għadd sinifikanti ta' Stati Membri għal tali dispożizzjoni fil-Kunsill tal-Enerġija ta' Ottubru biex tiġi ċċarata l-possibbiltà li l-Istati Membri jużaw idroġenu b'livell baxx ta' karbonju u fjuwils b'livell baxx ta' karbonju biex jilħqu l-oġġettivi tad-dekarbonizzazzjoni. Madankollu, hemm ukoll għadd ugwali ta' Stati Membri li jridu jiffokaw fuq il-gassijiet rinnovabbli.

2) Il-bidliet ewlenin fit-tielet reviżjoni huma kif ġej:

- Ġiet introdotta Premessa 74a ġdida fir-Regolament biex jiġi antiċipat li l-Istati Membri, biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista, jistgħu jiddeċiedu li jieħdu miżuri proporzjonati biex jillimitaw temporanjament l-offerti bil-quddiem minn kwalunkwe utent tan-network għal kapaċità fil-punti ta' dħul minn pajjiżi terzi u fit-terminals tal-LNG.
- Fl-Artikolu 20b tar-Regolament dwar l-Ispesifikazzjonijiet komuni għall-bijometan, il-formulazzjoni addizzjonali tipprovdi kjarifika dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.
- L-Artikolu 54 tar-Regolament ġie emendat biex jiġi evitat li daww li jieħdu l-ewwel pass ikollhom monopolju fl-iżvilupp ta' regoli tas-suq tal-idroġenu/kodiċijiet tan-network fl-ENNOH, u ġew proposti bidliet rispettivi fil-Premessa 56 biex ikun hemm allinjament ma' dan l-Artikolu.
- Fl-Artikolu 67 (para. 4, 9, 11) tar-Regolament, ġiet inkorporata żieda aktar estensiva li tirrifletti l-Corrigendum 15111/1/21 REV 1 + ADD 1 REV 1 15096/1/21 REV 1 + ADD 2 REV 1.
- Il-Premessa 70 tad-Direttiva issa tiċċara li d-dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni orizzontali stabbilita fl-Artikolu 63 tad-Direttiva ma jimplikawx separazzjoni funzjonali u għalhekk, is-sinerġiji bejn l-operaturi tan-network, bħal pereżempju permezz tal-kondiviżjoni tas-servizzi u l-istrutturi ta' governanza, jistgħu jinżammu b'mod sħiħ.
- Fl-Artikolu 8a tad-Direttiva dwar ir-rwol tal-idroġenu b'livell baxx ta' karbonju fl-oġettivi tad-dekarbonizzazzjoni, dawn id-dispożizzjonijiet tqiegħdu f'parentesi kwadri sabiex tkun tista' ssir aktar diskussjoni bil-ħsieb li jinstab kompromess.
- L-Artikolu 46(2) tad-Direttiva ġie emendat biex jipprovdi diskrezzjoni lill-Istati Membri biex jattribwixxu r-responsabbiltà għall-bini ta' interkonnessjonijiet transfruntiera għal ċertu operaturi biss tan-networks tal-idroġenu.
- Fl-Artikolu 62 tad-Direttiva, tneħħiet il-limitazzjoni taż-żmien fuq id-disponibbiltà tal-mudell ta' separazzjoni tal-ISO għall-operaturi tan-networks tal-idroġenu.
- L-Artikolu 80 tad-Direttiva nbidel biex jimmodifika ċ-ċirkostanzi li fihom l-Istati Membri li mhumix ikkonnettjati direttament mas-sistema interkonnessa ta'

kwalunkwe Stat Membru ieħor jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet partikolari tad-Direttiva.

- 3) Filwaqt li sar progress importanti, għad fadal xi xogħol xi jsir. Dan jinkludi, abbażi tad-diskussjonijiet li saru matul il-Presidenza Ċeka, fost affarijiet oħra, il-punti li ġejjin:
- L-allinjament tad-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà tal-provvista fl-Artikolu 67 tar-Regolament Riformulat ma' dispożizzjonijiet ġodda maqbula fl-inji ta' ħidma paralleli, inkluż ir-Regolament dwar il-Ħżin (ir-Regolament (UE) 2022/1032) u r-Regolament propost dwar is-Solidarjetà (COM (2022) 549 final) u r-Regolament dwar Intervent ta' Emerġenza (COM/2022/473 final). Ser ikun meħtieġ li jiġi kkunsidrat kif u sa liema punt, id-drittijiet u l-obbligi l-ġodda maqbula għandhom jiġu inkorporati fir-Regolament dwar is-Sigurtà tal-Provvista tal-Gass fuq perjodu ta' żmien twil.
 - L-iżgurar li r-regoli dwar l-aċċess u l-konnessjoni man-networks tal-gass naturali jippermettu t-tneħħija gradwali tal-gass filwaqt li jipproteġu b'mod adegwat id-drittijiet tal-konsumatur.
 - Kjarifika tal-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar il-Komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini, ir-rwol u r-rabta tagħhom mal-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini stabbiliti bid-Direttiva 2019/944 u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli stabbiliti bid-Direttiva 2018/2001.
 - Elaborazzjoni ulterjuri dwar il-possibbiltà li jittieħdu miżuri proporzjonati biex jiġu limitati temporanjament l-offerti bil-quddiem għal kapaċità fil-punti ta' dħul minn pajjiżi terzi u fit-terminals tal-LNG.
 - Diskussjoni komprensiva biex titkompla t-tfittxija għal soluzzjoni dwar ir-rwol tal-idroġenu b'livell baxx ta'karbonju fl-oġettivi tad-dekarbonizzazzjoni skont l-Artikolu 8a tad-Direttiva.

IV. KONKLUŻJONI

- 1) Il-Kunsill huwa mistieden jieħu nota tar-rapport ta' progress provdut mill-Presidenza.